

Brussell, 25 ta' April 2025
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0096(COD)**

**8259/25
ADD 3**

**TRANS 146
CODEC 473
IA 31**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 179 final - ANNEX 3
Suġġett:	ANNESS tad- DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data tar- reġistrazzjoni tal-vetturi rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 179 final - ANNEX 3.

Mehmuż: COM(2025) 179 final - ANNEX 3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.4.2025
COM(2025) 179 final

ANNEX 3

ANNEX

tad-

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi
rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill
1999/37/KE**

{SEC(2025) 119 final} - {SWD(2025) 96 final} - {SWD(2025) 97 final} -
{SWD(2025) 98 final} - {SWD(2025) 99 final}

ANNEX III

Speċifikazzjonijiet għaċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni Mobbli

1. Iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli u s-sistemi rilevanti l-oħrajn għandhom jikkonformaw mal-istandard ISO/IEC AWI TS 7367 dwar iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli u r-[Regolament \(UE\) Nru 910/2014](#).
2. L-Istati Membri għandhom jippermettu lid-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jiksbu ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tiegħu.

Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali li jkun fiha ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli għandha tippermetti, awtomatikament jew meta tintalab, l-aġġornament jew il-ħruġ mill-ġdid taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli.

Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom jippermettu li d-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni juri jew jibgħat lil parti terza d-data kollha li hemm fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli jew parti minnha. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jitolbu mingħand il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali d-data li hemm fiċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli.

L-informazzjoni mibgħuta direttament mill-attestazzjoni elettronika taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli mażżuna fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw fil-ħin reali l-awtorizzazzjoni tal-vettura għall-użu fit-toroq (il-verifika), inkluż kull restrizzjoni applikabbli fl-Unjoni jew fit-territorju ta' Stat Membru.